MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMĦALLEF
### GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 173/2004

**Tlata Ltd.**

**Vs**

**Penza Tarmac Ltd. (C22138)**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` Tlata Ltd hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta, Penza Tarmac Ltd fl-ammont ta' wiehed u tletin elf, sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm31,692) rapprezentanti valur ta' materjal ghall-kostruzzjoni tat-toroq fornit mis-socjeta' attrici fuq talba tas-socjeta' konvenuta;

Illi s-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut diversi drabi u minkejja dan baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet x’taghti.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ wiehed u tletin elf, sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm31,692) inkluz imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament;

Bl-imghax inkluz dak tal-Mandat ta’ Sekwestru u Mandat ta’ Qbid u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat illi l-attrici naqqset it-talba ghal tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm23,692.99) kapital u tlett elef, mitejn u erba’ liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm3,204.99) imghax;

Rat illi l-konvenuta ammettiet it-talba kif imnaqqsa;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba kif imnaqqsa tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif imnaqqsa bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------